## AKTAR KITBA MINN MALTIN TA' FRANZA.

**Madame Aurore Verie laqqgħatna wkoll ma' Georges Micallef, Malti ieħor li trabba Tuneż imma li llum jgħix Franza:**

Jiena jisimni Georges Micallef, imwieled Tuneż, fil-kwartier ta' BIEB IL-ĦADRA fejn kienu jgħixu ħafna familji Maltin, il-maġġoranza biċċiera u kuċċiera. Il-familja tiegħi kienet minn Ħaż-Żebbuġ, minn-naħa ta' missieri, u mill-Qrendi minn-naħa t'ommi. Issa mindu sirt pensjonant noqgħod fil-belt ta' *Hagondange*, ħdejn il-fruntiera Franco-Lussemburgiża.

L-ewwel kont ngħallem fi skola primarja; u wara sirt professor tal-Franċiż, u surmast fi skola sekondarja, fit-Tuneżija u fi Franza.

Tabilħaqq għandi ftit tifkiriet tal-kultura Maltija għax missieri, li kien jaħdem f'uffiċju, ma tantx kien jagħti kasha; u ommi kienet tħoss ruħha aktar Franċiża mill-Franċiżi.

Iżda fadalli xi kliem Malti, xi taqbila, u xi platt tajjeb ta' ikel Malti li naf insajjar – bħal l-għaġin il-forn, il-qarabagħli u l-brunġiel mimli, u l-pastizzi – li konna nsejħulhom "caldi" għax il-bejjiegħa fit-toroq kienu jżommuhom sħan u jgħajtu: "caldi caldi!"

Fil-parroċċa tagħna ddedikata lil San Pawl, ir-reliġjon kienet ankrata fina u għadni niftakar l-atmosfera tar-Randan, il-funzjonijiet, u l-priedki li ma kontx nifhimhom, imma niftakar kliem bħal: "Alla, Sinjur, Għeżież Ħuti" u kont inkun tassew imqanqal.

Hu meta kbirt u bdejt naħdem li sirt konxju tal-indentita' Maltija tiegħi, u din kibret fija u biha ħassejtni tassew kburi.

Tislijiet

**Georges Micallef**

### KOTBA LI QRAJNA




**Ftit tal-jiem ilu, il-*Wise Owl Publications* harġu ktieb bl-isem ta' *Ġabra ta' Leġġendi* miġbura mill-membru tal-Għaqda tagħna Joseph C. Camilleri. Il-leġġendi nġabru l-aktar minn fomm ix-xjuħ tagħna, u huma qosra, spiss mhux aktar minn paragrafu jew tnejn, u huma ta' ċertu mportanza għax xi wħud minnhom, għalkemm magħrufa minn min għandu ċertu eta', mhux dejjem issibhom miktuba u miġbura flimkien. Biex nieħdu eżempju, ejja nsemmu "l-Leġġenda tal-Qerda ta' Malta".**

***"Il-gżira ta' Malta kienet minn tal-ewwel li nħolqot. Għalhekk din il-gżira se tkun l-ewwel waħda li se tinżel taħt il-baħar. Jum wieħed il-baħar se jgħatti lil Malta kollha kemm hi. Wara li jiġri dan xi baħħara Sqallin jgħaddu fuq il-post fejn qabel kienet Malta. Dawn jieqfu biex jgħidu xi talba għal ruħ il-Maltin li kienu jgħixu fuq din il-gżira."*** **Paġna 15.**

**Din l-istorja nisma' lil ommi ssemmiha, u l-awtur jgħid li dari tant kienet magħrufa li hemm ukoll xi taqbiliet fuq dan l-istess suġġett:**

***Dik Malta l-ewwel ma nħalqet,***
***Dik Malta l-ewwel ma tinżel.***
***Ej' ħanina, busni bewsa,***
***Qabel il-mewt taħsad bil-minġel.***

**U oħra:**

***Meta Malta ssir baħar***
***U jgħaddu l-iġfien Sqallin,***
***Jgħidu* requiem aeternam,**
***Għax hawn għammru l-Maltin.***

**L-awtur qed joffri skont speċjali għall-membri tal-Għaqda tal-Folklor. Il-ktieb jiswa €6.99 mill-ħwienet, imma l-membri jistgħu jixtruh b' €5.25. Ma' dan wieħed irid iżid 53c posta, u 20c envelope – total €5.98. Iktbu lil:** *Joseph C. Camilleri, 32, Triq il-Muskatell, Ħ'Attard, ATD 2730.*

**Għall-membri barra minn Malta l-posta hi hekk: L-Ewropa €6.67, l-Amerka €4.91, u l-Awstralja €6.02**